

Brussell, 14 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9771/24

SPORT 50
SAN 271
JEUN 105
SOC 349
EDUC 163
SUSTDEV 61
ENV 502
GENDER 97
COH 30

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-riżoluzzjoni approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-13 u l-14 ta' Mejju 2024.

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Ispport

(1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGħIN FIL-KUNSILL

1. FILWAQT LI JFAKKRU fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabilixxi li l-isport huwa qasam fejn l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE) għandha tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri.
2. FILWAQT LI JFAKKRU fl-Artikolu 165 (1) TFUE, li skontu l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kwistjonijiet Ewropej tal-isport, waqt li tiegħu in kunsiderazzjoni n-natura speċifika tiegħu, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq il-volontarjat u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu.
3. FILWAQT LI JFAKKRU fl-Artikolu 165 (2) TFUE, li skontu l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi tkun promossa l-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi u l-kooperazzjoni bejn il-korpi responsabbli mill-isport, u billi tkun protetta l-integrità fiżika u morali tal-isportivi, speċjalment ta' dawk l-aktar żgħażaġh fosthom.

4. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-isport jista' jgħin għall-kisba tal-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-UE, u b'mod partikolari l-miri ta' oqsma ta' politika oħra bħall-edukazzjoni, is-saħħa, iż-żgħażaġh, il-kultura, l-affarijiet soċjali, l-inklużjoni, l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp urban u rurali, it-trasport, l-ambjent, it-turiżmu, l-impjiegi, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija; u li dawk l-oqsma ta' politika jistgħu jappoġġaw il-promozzjoni tal-isport abbażi ta' kooperazzjoni transsettorjali.
5. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li, f'konformità mal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-isport huwa wkoll faċilitatur importanti tal-iżvilupp sostenibbli¹ u għalhekk jista' jgħin biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).
6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa li għandha l-għan li tippermetti lil kull individwu jipparteċipa fl-isport u, b'mod partikolari, tiżgura li kulħadd ikollu l-opportunità li jieħu sehem fl-isport f'ambjent sikur, sigur u san².
7. FILWAQT LI JFAKKRU fir-risoluzzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2011-2014³, 2014-2017⁴, 2017-2020⁵ u 2021-2024⁶.

¹ Nazzjonijiet Uniti, Assemblea Ġenerali, Riżoluzzjoni A/RES/70/1, Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development, paragrafu 37, 25 ta' Settembru 2015.

² Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2021)5 dwar il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta. Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-13 ta' Ottubru 2021 fl-1414-il laqgħa tal-Viċi Ministri, l-Artikolu 1(1)(b).

³ ĠU C 162, 1.06.2011, p. 1.

⁴ ĠU C 183, 14.06.2014, p. 12.

⁵ ĠU C 189, 15.06.2017, p. 5.

⁶ ĠU C 419, 4.12.2020, p. 1.

8. FILWAQT LI JILQGĦU l-eżiti tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2021-2024, kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u r-rilevanza tiegħu.
9. FILWAQT LI JINNOTAW ir-riżultati tal-Ewrobarometru Speċjali 525 dwar "l-isport u l-attività fiżika"⁷, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport⁸, l-eżiti tal-gruppi ta' esperti dwar l-isport ekoloġiku u dwar it-tisħiħ tal-irkupru u r-reżiljenza għall-kriżijiet tas-settur tal-isport matul u wara l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-ħidma li għaddejja fuq l-armonizzazzjoni tal-istatistika u d-data dwar l-isport fl-Unjoni Ewropea.
10. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW l-isfidi globali li għandhom impatt ukoll fuq l-isport, bħall-pandemija reċenti tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li jinfluwenzaw il-kompetizzjonijiet sportivi.
11. FILWAQT LI JINNOTAW il-kawżi legali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li qed iżidu l-viżibbiltà u r-rilevanza tad-dimensjoni Ewropea fl-isport.
12. FILWAQT LI JILQGĦU l-introduzzjoni tal-Azzjoni Ewlenija 1 taħt l-azzjonijiet sportivi tal-Erasmus+ relatati mal-mobbiltà tal-persunal li jaħdem f'organizzazzjonijiet sportivi, primarjament fl-isport għad-dilettanti, li jingħataw l-opportunità li jtejbu l-kompetenzi u l-kwalifiki tagħhom u jiksbu ħiliet ġodda billi jqattgħu perjodu ta' żmien barra mill-pajjiż.

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 525, "Sport u Attività Fiżika (2022)", 2268/SP525, Rapport sħiħ, Settembru 2022.

⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, "Lejn Aktar Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport, Rakkomandazzjonijiet u Pjan ta' Azzjoni Mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport", 2022.

13. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-ħtieġa għal kooperazzjoni kontinwa ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, mal-moviment sportiv u ma' partijiet interessati rilevanti oħra, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi internazzjonali kompetenti, bħall-Kunsill tal-Ewropa (KtE), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) u l-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA).

JISTABILIXXU PJAN TA' ĦIDMA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-ISPORT GĦALL-PERJODU

MILL-1 TA' LULJU 2024 SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2027

14. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE jiffoka fuq l-oqsma ta' prijorità li ġejjin:

- L-integrità u l-valuri fl-isport.
- Id-dimensjoni soċjoekonomika u dik sostenibbli tal-isport.
- Il-parteċipazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa.

Is-suġġetti ewlenin, it-temi, il-miri, il-formati ta' ħidma, l-eżiti possibbli, id-dati fil-mira u r-responsabbiltajiet speċifiċi huma stabbiliti u spjegati fl-Annessi I u II ta' dan id-dokument.

15. L-OBJETTIVI TA' GWIDA ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (minn hawn 'il quddiem, il-Pjan ta' Ħidma tal-UE) huma li:

F'termini tal-politika tal-UE dwar l-isport,

- Isaħħu l-isport sikur, u l-isport ibbażat fuq l-integrità u l-valuri fl-UE.
- Jappoġġaw politika għall-isport sostenibbli u bbażata fuq l-evidenza.
- Iżidu l-parteciġazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa f'kull età u jtejbu l-aċċessibbiltà għal gruppi vulnerabbli, sabiex jiġu promossi stil ta' ħajja attiva u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva.
- Jappoġġaw l-isport għad-dilettanti bbażat fuq il-volontarjat sabiex tiżdied tali parteciġazzjoni fl-isport u f'attività fiżika li ttejjeb is-saħħa.
- Jappoġġaw, jesploraw aktar u jkomplu d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport.
- Isaħħu u jippromwovu governanza tajba fl-isport.
- Jinkoraġġixxu l-investiment fis-settur tal-isport, inkluż f'infrastrutturi sportivi u f'infrastrutturi rikreattivi tal-isports li jkunu sostenibbli u aċċessibbli, inkluż bil-ħsieb li tiġi limitata l-impronta tal-karbonju tas-settur.
- Jippromwovu, permezz ta' kooperazzjoni transsettorjali, is-sensibilizzazzjoni tat-turiżmu sportiv li jista' jkollu rwol ewlieni fl-iżvilupp sostenibbli tas-settur u fil-bini tar-reżiljenza tiegħu.

- Jappoġġaw il-ħidma fuq l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-isport bħala promotur għas-saħħa, għall-prestazzjoni, għall-iżvilupp ekonomiku u għas-settur tal-isport sostenibbli.
- Isaħħu r-reżiljenza tas-settur tal-isport għal sfidi u kriżijiet futuri, wara l-esperjenza tal-pandemija tal-COVID-19.
- Jiżguraw, permezz ta' kooperazzjoni transsettorjali, is-sensibilizzazzjoni ta' oqsma ta' politika oħra tal-UE dwar il-kontribut importanti li l-isport jista' jagħti għat-tkabbir soċjali u sostenibbli tal-Ewropa, għas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, u għall-kisba tal-SDGs, filwaqt li sadanittant jitqies ukoll l-impatt li politiki oħra tal-UE jista' jkollhom fuq is-settur tal-isport.
- Jappoġġaw u jippermettu, kif xieraq, l-implimentazzjoni sħiħa tal-programm Erasmus+ fil-qasam tal-isport.

F'termini ta' governanza u kooperazzjoni,

- Isaħħu l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport, f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2017 u l-istrutturi ewlenin tiegħu⁹:
 - a) il-Forum tal-UE dwar l-Isport;
 - b) id-djalogu strutturat ta' livell għoli tal-UE fil-marġini tal-laqgħa tal-Kunsill tal-UE;
 - c) id-djalogu strutturat tal-UE fil-livell operazzjonali dwar l-isport fil-marġini tal-laqgħa tad-Diretturi tal-Isport tal-UE jew avvenimenti informali oħra tal-Presidenza.
 - Isaħħu d-dimensjoni internazzjonali tal-politika tal-UE dwar l-isport, speċjalment permezz ta' skambji u kollaborazzjoni dwar kwistjonijiet u sfidi attwali tal-politika dwar l-isport anke mal-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati barra mill-UE, u permezz ta' aktar kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa.
 - Jiżguraw kontinwità u jipprovdu segwitu għall-erba' Pjanijiet ta' Ħidma għall-Isport tal-UE preċedenti u għal dokumenti oħra tal-UE relatati mal-isport, bħal konklużjonijiet u riżoluzzjonijiet tal-Kunsill.
 - Isaħħu l-iskambju tal-għarfien u l-esperjenza bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni.
16. Dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE huwa strument flessibbli. Bidliet jew emendi sussegwenti jistgħu jsiru neċessarji biex ikun hemm rispons f'waqtu għal żviluppi futuri jew mhux mistennija u għal kwistjonijiet urġenti fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika, filwaqt li jittieħed kont tal-prijoritajiet ta' presidenzi futuri tal-Kunsill.

⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iżvilupp ulterjuri tad-Djalogu Strutturat tal-UE dwar l-isport, ĠU C 425, 12.12.2017, p. 1.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

17. Jimpenjaw ruħhom fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE u, fejn xieraq, jikkontribwixxu bl-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom għad-diversi formati ta' ħidma.
18. Jieħdu kont tal-għarfien u l-eżiti miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE meta jiżviluppaw politiki dwar l-isport jew politiki rilevanti oħra fil-livell nazzjonali u subnazzjonali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-awtonomija tal-isport.
19. Jinfurmaw, u fejn xieraq, jikkooperaw mal-moviment sportiv nazzjonali u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE u jxerrdu l-eżiti, sabiex jiżguraw ir-rilevanza u l-viżibbiltà tal-attivitajiet.
20. Ixerrdu l-aspetti rilevanti tal-ħidma tal-Kunsill fir-rigward tal-moviment sportiv u l-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex jiġu żgurati r-rilevanza u l-viżibbiltà tal-attivitajiet tiegħu, kif ukoll biex jittejjeb is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet jew l-istediniet maħruġa mill-Kunsill għall-moviment sportiv u partijiet ikkonċernati oħra.

JISTIEDNU LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL BIEX

21. Jieħdu kont ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE meta jiżviluppaw il-programm tagħhom, jippermettu skambju ta' informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tiegħu fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport u jibnu fuq l-eżiti diġà miksuba.
22. Jikkunsidraw li jorganizzaw laqgħat, abbażi tad-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport, ma' rappreżentanti rilevanti tal-moviment sportiv u ma' partijiet ikkonċernati oħra tal-isport. Dan jista' jsir, pereżempju, billi tiġi skambjata informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE, inkluż dwar il-ħidma futura tal-Kunsill (pereżempju modi possibbli biex jingħata kontribut għad-dokumenti li jmiss tal-Kunsill), jiġu diskussi kwistjonijiet u sfidi attwali tal-politika dwar l-isport, kif ukoll billi jiġu esplorati ambizzjonijiet reċiproċi u tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prijoritajiet ippjanati tal-presidenzi li jmiss tal-Kunsill.
23. Jużaw, fejn xieraq, l-eżiti, ir-riżultati tanġibbli u r-rakkomandazzjonijiet mill-formati ta' ħidma ta' dan il-Pjan ta' Ħidma biex jappoġġaw il-ħidma tagħhom u jagħtu viżibbiltà aħjar lill-attivitajiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-qasam tal-isport.
24. Fi tmiem it-terminu kopert minn din ir-riżoluzzjoni, u abbażi ta' rapport li għandu jitħejja mill-Kummissjoni, jipproponu Pjan ta' Ħidma tal-UE ġdid għall-perjodu li jmiss, jekk ikun xieraq.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX

25. Tinvolti, flimkien mal-Istati Membri, il-moviment sportiv u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' F'idma tal-UE u tappoġġa lill-Istati Membri bl-għarfien espert u l-esperjenza tagħha mis-setturi ta' politika rilevanti kollha, filwaqt li tiżgura sinerġiji fejn possibbli, f'konformità mal-Annessi I u II ta' din ir-Riżoluzzjoni.
26. Tiżviluppa dokument strateġiku ġdid fit-tul dwar il-futur tal-politika tal-UE dwar l-isport, inkluż dwar il-promozzjoni tal-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport¹⁰ u dwar l-integrazzjoni tal-isport f'politiki oħra tal-UE, sa tmiem l-2026.
27. Fejn xieraq, tipproponi reviżjoni tad-dokumenti ta' politika eżistenti, bħar-rakkomandazzjoni tal-2013 tal-Kunsill dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa (HEPA)¹¹.
28. Tikkontribwixxi għal politiki bbażati fuq l-evidenza fl-UE u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari, il-ħolqien ta' għodod oħra għall-iskambju ta' prattiki tajbin u data bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, u, fejn xieraq, permezz ta' studji u sferri.
29. Tkompli tinforma u tikkonsulta, fuq bażi regolari, lill-Istati Membri, il-moviment sportiv u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar inizjattivi li għaddejjin u ppjanati u opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti fil-qasam tal-isport kif ukoll f'oqsma ta' politika oħra tal-UE rilevanti għall-isport.

¹⁰ Il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport jinsabu fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013, p. 1.

30. Tipprovdi lill-Istati Membri b'informazzjoni aġġornata, meta possibbli, dwar politiki u programmi oħra tal-UE u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-settur tal-isport, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn il-proġetti Erasmus+ rilevanti għas-suġġetti ewlenin ta' dan il-Pjan ta' Ħidma.
31. Tikkonsulta, fejn xieraq, lill-Istati Membri minn qabel dwar l-implimentazzjoni ta' inizzjattivi speċifiċi tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-monitoraġġ tal-progress tal-inizzjattivi.
32. Tikkunsidra metodi konġunti li abbażi tagħhom l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jistgħu jiltaqgħu u jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE, kif ukoll jimmonitorjaw il-progress u jiddiskutu kwistjonijiet ewlenin tal-politika dwar l-isport.
33. Tippetromwovi l-integrazzjoni tal-isport u l-attività fiżika f'oqsma oħra ta' politika tal-UE u tkompli tippetromwovi s-sinerġiji bejn l-isport u politiki oħra tal-UE.
34. Ixxerred l-għarfien u l-eżiti miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE sabiex jiġu żgurati r-rilevanza Prattika u l-viżibbiltà tal-attivitajiet.
35. Tikkunsidra li tipprovdi pjattaforma online biex jiġu aċċessati rapporti, jiġu skambjati Prattiki tajba jew dokumenti rilevanti u tiġi ffaċilitata aktar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u n-networking bejn l-Istati Membri, inkluż bl-użu ta' għodod kollaborattivi tal-IT eżistenti.
36. Tippetprezenta, matul l-ewwel nofs tal-2027 u fuq il-bażi ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri, il-moviment sportiv u partijiet ikkonċernati rilevanti, rapport dwar l-implimentazzjoni u r-rilevanza ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE. Dan ir-rapport ser ikun il-bażi għat-tnejn ta' Pjan ta' Ħidma suċċessur tal-UE matul it-tieni nofs tal-2027.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJET IKKONĊERNATI OĦRA BIEX

37. Jaħdmu flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE, u jikkontribwixxu bl-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom għad-diversi formati ta' ħidma.
38. Ixerrdu l-eżiti miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE u jqisuhom fl-attivitajiet tagħhom stess.

Qasam ta' prijorità I: L-integrità u l-valuri fl-isport

Suġġett ewlieni	Tema	Mira	Format ta' ħidma	(<i>poss.</i>) Eżitu / data ppjanata	Mexxej(ja)
Ambjent sikur fl-isport ¹²	Il-prevenzjoni tal-fastidju, l-abbuż u l-vjolenza, inkluż il-vjolenza sesswali u kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni	- Sensibilizzazzjoni - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-ġharfien	Kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa: Proġett konġunt tal-UE "Balance S4 Strengthening the Safety and Service Pillars of the Saint Denis Convention"	2024-2025	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri
Il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda	- L-influwenza tal-media soċjali u l-prevenzjoni tal-abbuż verbali online - Il-manifestazzjonijiet ta' vjolenza verbali u fiżika matul l-avvenimenti sportivi	- Sensibilizzazzjoni - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-ġharfien	Grupp tal-MKK	Għandhom jiġu deċiżi	L-Istati Membri, il-Kummissjoni

¹² Artikolu 165(2) TFUE: "L-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn (...) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, (...) billi tkun protetta l-integrità fiżika u morali tal-isportivi, speċjalment ta' dawk l-aktar zgħażaġh fosthom".

Antidoping ¹³	L-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-laqgħat tal-WADA u tal-CAHAMA	- It-tħejjija tal-pożizzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għal-laqgħat tal-Kumitat Ewropew Ad Hoc għall-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (CAHAMA) u l-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA) f'konformità mar-riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li teżamina r-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati	Il-Kunsill (appoġġat kif meħtieġ minn esperti) u l-CAHAMA	(<i>poss.</i>) Koordinazzjoni u pożizzjoni tal-UE	Il-presidenzi, il-Kummissjoni
--------------------------	--	---	---	---	-------------------------------

¹³ Artikolu 165(2) TFUE: "L-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn (...) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi tkun promossa l-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi (...)".

		<p>Membri qabel il-laqgħat tal-WADA (jew kwalunkwe dokument sussegwenti relatat magħhom). Fil-formulazzjoni ta' pożizzjoni, tfittex sinerġiji mal-Kunsill tal-Ewropa sabiex tevita xogħol doppju jew il-ħolqien ta' strutturi paralleli¹⁴.</p> <p>- Ir-rieżami tal-applikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-2023 u l-kunsiderazzjoni ta' jekk humiex meħtieġa xi aġġustamenti.</p>	Il-Kunsill	It-tieni nofs tal-2025	Il-presidenza DK
--	--	---	------------	------------------------	------------------

¹⁴ Ir-Riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li teżamina r-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri qabel il-laqgħa tal-WADA, ĠU C 185, 26.5.2023, p. 29.

Sport u edukazzjoni	- Approċċ ġdid għar-rwol tal-isport fis-sistema edukattiva	- Skambju tal-aħjar prattiki - Skambju ta' opinjonijiet	(<i>Poss.</i>) Konklużjonijiet tal-Kunsill u dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill	L-ewwel nofs tal-2025	Il-presidenza PL
	- L-isport bħala qafas għal ħiliet personali, soċjali u ta' taġlim u l-promozzjoni tat-tolleranza, is-solidarjetà u l-inklużività kif ukoll valuri sportivi u valuri oħra tal-UE ¹⁵	- Sensibilizzazzjoni - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien	Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' taġlim bejn il-pari) dwar modi innovattivi għall-promozzjoni tal-isport u l-attività fiżika fl-iskola	2025	FR
	- Il-ħiliet u l-kwalifiki fl-isport: l-atleti u l-persunal, b'mod partikolari l-coaches		Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' taġlim bejn il-pari) dwar l-iżvilupp tal-kwalifiki tal-coaching	2025-2027 (għad irid jiġi kkonfermat)	EE

¹⁵ L-Artikolu 165(1) TFUE: "L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija 'l quddiem tal-kwistjonijiet Ewropej tal-Isports, waqt li tiegħu inkunsiderazzjoni (...) l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu."

	<ul style="list-style-type: none"> - Il-karrieri doppji tal-atleti (aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi, kombinazzjoni ma' karriera sportiva) 	<ul style="list-style-type: none"> - Sensibilizzazzjoni - Skambju tal-aħjar prattiki 	<p>u l-edukazzjoni u l-impatt multidimensjonali fuq is-soċjetà</p> <p>Studju Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' taġlim bejn il-pari)</p>	<p>2024-2027</p> <p>2026</p>	<p>Il-Kummissjoni BE</p>
Ugwaljanza bejn il-ġeneri	<ul style="list-style-type: none"> - Żieda fil-parteciċipazzjoni tan-nisa, speċjalment fost il-coaches u f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fl-organizzazzjonijiet sportivi u l-klabbs sportivi - Kundizzjonijiet ugwali (inkluż il-paga) ta' atleti, coaches, 	<ul style="list-style-type: none"> - Segwitu għall-istudju tar-rapport tal-KE "Lejn aktar ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport" u r-rakkomandazzjonijiet u l-pjan ta' azzjoni mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport¹⁶ - Segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal- 	<p>Kooperazzjoni mal-Ftehim Parzjali Estiż dwar l-Isports (EPAS) tal-Kunsill tal-Ewropa: Proġett konġunt tal-UE "All In Plus"</p>	<p>2023-2025</p>	<p>Il-Kummissjoni</p>

¹⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, "Lejn aktar ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport, Rakkomandazzjonijiet u Pjan ta' Azzjoni Mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport, 2022.

	uffiċjali, persunal, eċċ. nisa u rġiel. - Żieda fil-kopertura mill-media tal-kompetizzjonijiet sportivi tan-nisa, il-ġlieda kontra l-isterjotipi, eċċ.	Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar in-nisa u l-ugwaljanza fil-qasam tal-isport (2023) ¹⁷			
Sports Tradizzjonali	L-isports tradizzjonali jenfasizzaw ir-rwol tal-isport bħala parti mill-kultura, l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-Ewropa, kif ukoll jappoġġaw il-koeżjoni soċjali, l-integrazzjoni, il-volontarjat u ċ-ċittadinanza attiva	<ul style="list-style-type: none"> - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien - Sensibilizzazzjoni (pereżempju, l-enfasi fuq l-isport Ewropew fuq il-lista tal-UNESCO ta' Wirt Kulturali Intanġibbli) 	Konklużjonijiet tal-Kunsill	It-tieni nofs tal-2026	Il-Presidenza IE

¹⁷ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar in-nisa u l-ugwaljanza fil-qasam tal-isport, ĠU C, C/2023/1362, 1.12.2023.

Mudell Ewropew tal-Ispport	L-aċċess għall-kompetizzjonijiet, mertu sportiv, integrità, solidarjetà u valuri fl-isports	<ul style="list-style-type: none"> - Tisħiħ tal-għarfien - Segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Ispport (2021)¹⁸ Segwitu għall-istudju dwar il-Mudell Ewropew tal-Ispport (2022)¹⁹ 	Studju dwar l-iżviluppi, it-theddid u l-opportunitajiet futuri li għandhom impatt fuq il-Mudell Ewropew tal-Ispport	2024-2027	Il-Kummissjoni, l-Istati Membri
Drittijiet tal-atleti	Id-drittijiet tal-atleti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari dawk relatati mal-parteeċipazzjoni	<ul style="list-style-type: none"> - Sensibilizzazzjoni - Tisħiħ tal-għarfien - Analiżi tas-sitwazzjoni fattwali u legali 	Grupp tal-MKK	għad irid jiġi deċiż	L-Istati Membri, il-Kummissjoni

¹⁸ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Ispport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1.

¹⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, Sennett, J., Le Gall, A., Kelly, G. et al., "Study on the European Sport Model – A report to the European Commission", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

	favvenimenti sportivi (pereżempju d-drittijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, il-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni legali, in-nondiskriminazzjoni)	- Segwitu għall-istudju tal-Kummissjoni (li għandu jiġi ppubblikat fl-ewwel semestru tal-2024)			
Żvilupp u promozzjoni tal-governanza tajba fl-isport	L-identifikazzjoni tal-ostakli relatati mal-governanza li għandhom jiġu indirizzati fl-isport	- Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien			
Il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi	- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Manipulazzjoni tal-Kompetizzjonijiet Sportivi ("Konvenzjoni ta' Macolin")	- Analiżi ta' modi biex tiġi żblukkata s-sitwazzjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni bil-ħsieb li l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha jkunu jistgħu jlestu l-proċessi ta' ratifika rispettivi tagħhom u jaderixxu mal-Konvenzjoni	Il-Kunsill u l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa	It-tieni nofs tal-2025	Il-presidenza DK, il-Kummissjoni

	- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-istati membri fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi	- Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-ġharfien	Laqgħa tad-DĠ	It-tieni nofs tal-2025	Il-presidenza DK
--	--	---	---------------	------------------------	------------------

Qasam ta' prijorità II: Id-dimensjoni soċjoekonomika u dik sostenibbli tal-isport

Suġġett ewlieni	Tema	Mira	Format ta' ħidma	(<i>poss.</i>) Eżitu / data ppjanata	Mexxej(ja)
Innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni	- L-innovazzjoni fl-isport f'kull dimensjoni u fil-livelli kollha tas-settur tal-isport (inkluż il-klabbs sportivi lokali)	- Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-ġharfien - Sensibilizzazzjoni - Segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar	Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' taġlim bejn il-pari) dwar id-diġitalizzazzjoni fl-isport ibbażat fuq l-evidenza tfassil tal-politika	Għandhom jiġu deċiżi	EE

	- L-iżvilupp tal-isport elettroniku	l-Innovazzjoni fl-Isport (2021) ²⁰	(Poss.) Grupp ta' Stati Membri interessati u/jew komunità tal-prattika skont SHARE 2.0	Għandhom jiġu deċiżi	L-Istati Membri, il-Kummissjoni
Sport sostenibbli	- L-edukazzjoni għal sport sostenibbli - Prattika, faċilitajiet u avvenimenti sportivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent - L-evoluzzjoni tal-isport u l-prattika tiegħu fid-dawl tat-tibdil fil-klima	- Skambju tal-añjar prattiki - Tişhih tal-għarfien - Sensibilizzazzjoni - Segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar "L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli" (2022) ²¹	Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' tagħlim bejn il-pari)	Għandhom jiġu deċiżi	BG

²⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Innovazzjoni fl-Isport, ĠU C 212, 4.6.2021, p. 2.

²¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar "L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli", ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1.

		- Follow-up to Sport's contribution to the European Green Deal – a sport sector playbook (2023) ²²			
Faċilitajiet sportivi sostenibbli u ppjanar spazjali	L-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni sostenibbli u aċċessibbli	<ul style="list-style-type: none"> - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien - Sensibilizzazzjoni - Segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport (2022)²³ 	Komunità tal-prattika taħt SHARE 2.0	2024-2027	L-Istati Membri, il-Kummissjoni

²² Il-Kummissjoni Ewropea, "Sport's contribution to the European Green Deal – a sport sector playbook", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Rapport sħiħ, Settembru 2023.

²³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport, ĠU C 494, 28.12.2022, p. 1.

It-turiżmu sportiv	It-turiżmu sportiv bħala xprunatur għall-iżvilupp sostenibbli	<ul style="list-style-type: none"> - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien - Sensibilizzazzjoni 	<p>Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' taqlim bejn il-pari)</p> <p>(Poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill u/jew konferenza u/jew diskussjoni matul il-laqgħa tad-DĠ</p>	<p>2026</p> <p>L-ewwel nofs tal-2026</p>	<p>AT</p> <p>Il-presidenza CY</p>
Avvenimenti sportivi kbar	Il-futur tal-Ewropa bħala ospitant ta' avvenimenti sportivi ewlenin, l-ippjanar sostenibbli u r-realizzazzjoni u l-wirt ta' avvenimenti sportivi ewlenin għall-bliet u r-reġjuni	Skambju tal-aħjar prattiki	<p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-wirt ta' avvenimenti sportivi ewlenin</p> <p>Laqgħa tad-DĠ</p> <p>Konferenza ta' livell għoli</p> <p>Grupp ta' Stati Membri interessati (jekk mogħtija lil Franza:</p>	<p>It-tieni nofs tal-2024</p> <p>Lulju 2024</p> <p>Settembru 2024</p> <p>2027</p>	<p>Il-presidenza HU</p> <p>Il-presidenza HU</p> <p>Il-presidenza HU</p> <p>FR</p>

	Riċerka u statistika dwar l-isport	<ul style="list-style-type: none"> - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien 	Konferenza jew seminar	L-ewwel nofs tal-2025	Il-presidenza PL
It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur tal-isport	<ul style="list-style-type: none"> - Ir-reżiljenza tal-isport għad-dilettanti: sostenibbiltà finanzjarja u ambjentali, it-tisħiħ tal-volontarjat, il-ġestjoni tar-riskju. - Ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi - Opportunitajiet ta' finanzjament (SHARE 2.0) 	<ul style="list-style-type: none"> - Analiżi tas-sitwazzjoni - Skambju tal-aħjar prattiki - Żvilupp ta' strateġija 	Studju	2024-2027	Il-Kummissjoni

Qasam ta' prijorità III: Parteċipazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa

Suġġett ewlieni	Tema	Mira	Format ta' ħidma	(<i>poss.</i>) Eżitu / data ppjanata	Mexxej(ja)
Il-ħolqien ta' opportunitajiet adegwati għall-	- Sfidi u theddid kontemporanji li jammontaw għat-	<ul style="list-style-type: none"> - Skambju tal-aħjar prattiki - Tisħiħ tal-għarfien - Segwitu għall-konklużjonijiet tal- 	Dibattitu matul il-laqgħa tad-DĠ	L-ewwel nofs tal-2025	Il-presidenza PL

isport u l-attività fiżika għall-ġenerazzjonijiet kollha	<p>tnaqqis fil-livell tal-kundizzjoni tas-saħħa tat-tfal u ż-żgħażaġh</p> <p>- L-iżvilupp tal-isport fuq il-post tax-xogħol</p> <p>- It-tixjiħ attiv</p>	Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-attività fiżika tul il-ħajja (2021) ²⁵	<p>Grupp ta' Stati Membri interessati (attività ta' taġlim bejn il-pari)</p> <p>(<i>Poss.</i>) Konklużjonijiet tal-Kunsill u/jew dibattitu matul il-laqgħa tad-DĠ u/jew dibattitu tal-Kunsill</p>	<p>2025</p> <p>L-ewwel nofs tal-2026</p>	<p>BE</p> <p>Il-presidenza CY</p>
Promozzjoni tal-attività fiżika	<p>- Attività fiżika tul il-ħajja</p> <p>- Kooperazzjoni transsettorjali mal-istituzzjonijiet rilevanti (pereżempju mal-</p>	<p>- Sensibilizzazzjoni</p> <p>- Tisħiħ tal-għarfien</p> <p>- Skambju tal-aħjar prattiki</p>	<p>(<i>Poss.</i>) Dibattitu matul il-laqgħa tad-DĠ</p> <p>(<i>Poss.</i>) Reviżjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-</p>	<p>Lulju 2024</p> <p>Għandhom jiġu deċiżi</p>	<p>Il-presidenza HU</p> <p>Il-Kummissjoni, il-Presidenzi, in-Network ta'</p>

²⁵ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-attività fiżika tul il-ħajja, ĠU C 501I, 13.12.2021, p. 1.

	iskejjel) - Ir-rwol tal-media u l- media soċjali - It-tiħih tal-volontarjat		promozzjoni ta' attivit� fiżika li ttejjeb is-saħħa fis-setturi kollha (HEPA) (2013) ²⁶		Punti Fokali tal-HEPA
Is-saħħa mentali u l-benesseri fl- isport	Il-promozzjoni tal- benefiċċji tal-isport għas-saħħa mentali u l- benesseri u l- prevenzjoni għall-atleti		Grupp tal-MKK (Poss.) Dibattitu matul il-laqgħa tad-DG u/jew konferenza u/jw dibattitu tal-Kunsill	Għandhom jiġu deċiżi L-ewwel nofs tal-2026	L-Istati Membri, il- Kummissjoni Il-presidenza CY

²⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attivit  fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013, p. 1.

Prinċipji relatati mal-formati ta' ħidma u r-rappurtar

1. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport ser jiġi implimentat b'mod partikolari permezz ta' gruppi tal-MKK, gruppi ta' Stati Membri interessati (jew attivitajiet ta' taġġim bejn il-pari), laqgħat tematiċi, konklużjonijiet tal-Kunsill, konferenzi u studji.
2. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE u l-formati ta' ħidma tiegħu hija volontarja.
3. Il-gruppi tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) ser jipprovdu qafas għall-kooperazzjoni, l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar suġġetti ewlenin komuni, espressi taħt it-tliet oqsma ta' prijorità ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE u s-suġġetti ewlenin korrispondenti elenkati fl-Anness I²⁷, u ser jippermetti l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti.

Fir-rigward tal-metodu ta' ħidma,

- il-mandat ser jiġi ffinalizzat fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport abbażi ta' abbozz ta' mandat propost mill-Kummissjoni;
- kull grupp tal-MMK ser ikun responsabbli għall-ħatra ta' president jew kopresidenti fl-ewwel laqgħa tiegħu fost il-membri tiegħu;
- il-mandat jista' jipproponi li partijiet terzi, inkluż pajjiżi terzi²⁸, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-moviment sportiv, jiġu mistiedna għal grupp tal-MMK bħala membri jew bħala osservaturi;
- skont is-suġġett, il-grupp tal-MMK jista' jiġi mħeġġeġ jiffurma gruppi fokali iżgħar u juża metodi parteċipattivi, fejn xieraq;

²⁷ Is-suġġetti ewlenin preliminari identifikati jinkludu "il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda", "id-drittijiet tal-atleti u l-promozzjoni tal-governanza tajba fl-isport" u "s-saħħa mentali u l-benesseri fl-isport".

²⁸ Għall-finijiet ta' dan il-Pjan ta' Ħidma, "pajjiżi terzi" huma dawk imsemmija fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19 u 20 tal-Programm Erasmus+ (ir-Regolament (UE) 2021/817 – ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

- il-Kummissjoni ser tipprovdi kompetenza esperta u appoġġ loġistiku għall-ħidma ta' kull grupp tal-MMK;
 - rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti mressqa minn grupp tal-MMK ser jiġu diskussi mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispport u, fejn rilevanti, minn korpi preparatorji rilevanti oħra u, kif xieraq, ippreżentati lill-Kunsill.
4. Il-gruppi ta' Stati Membri interessati (ministeri, awtoritajiet governattivi jew korpi pubbliċi oħra) ser jiġu organizzati minn Stat Membru wieħed jew aktar, fost l-oħrajn, sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi. Il-parteċipazzjoni fi gruppi ta' Stati Membri interessati hija miftuħa għall-Istati Membri kollha. L-Istati Membri huma wkoll liberi li jiffurmaw gruppi ta' Stati Membri interessati dwar suġġetti li mhumiex elenkati fl-Anness I.
 5. Gruppi ta' Stati Membri interessati, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ, jistgħu jiddefinixxu l-proċeduri u l-istrutturi ta' ħidma tagħhom stess, fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-eżiti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata mal-ħidma ta' dawn il-gruppi u, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet baġitarji, il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-ħidma tal-gruppi ta' Stati Membri interessati (bħala attività ta' taġlim bejn il-pari, fil-kuntest tal-Programm ta' Ħidma Annwali ta' Erasmus+).
 6. Il-laqgħat tematiċi huma organizzati mill-Kummissjoni dwar tema speċifika biex jiġu ppreżentati l-ħidma u r-riżultati ta' proġetti rilevanti ffinanzjati permezz tal-Azzjonijiet dwar l-Ispport tal-Erasmus+ jew programmi oħra ta' finanzjament tal-UE.
 7. Il-laqgħat tal-gruppi tal-MKK, gruppi ta' Stati Membri interessati, konferenzi u laqgħat tematiċi jistgħu jsiru wkoll f'forma virtwali fejn xieraq.

8. Il-Kummissjoni ser tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress tal-ħidma fil-gruppi tal-MKK u dwar konferenzi, laqgħat tematiċi u studji, u ser tippreżenta r-riżultati rispettivi tagħhom. Il-Presidenzi tal-Kunsill ser jagħmlu l-istess fir-rigward tal-avvenimenti li jorganizzaw. Gruppi ta' Stati Membri interessati jistgħu jinnominaw rappreżentanti biex jagħmlu l-istess.
9. L-aġendi, l-eżiti u r-rapporti tal-gruppi kollha ser ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, irrispettivament minn kemm jipparteċipaw f'qasam partikolari. Ir-riżultati tal-gruppi ser jiġu ppubblikati u mxerrda fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali permezz tal-mezzi adatti.

